MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 959/2006

**Talba Nru: 959/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Daniel Thornton

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u hames liri Maltin u seba u tmenin centezmu (Lm105.87c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 1006971 in rigward ta' servizzi lilu rezi mis-

socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn Novembru 2005 u April 2006. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2006, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€246.61), (ekwivalenti ghas-somma ta’ mija u hames liri Maltin u seba u tmenin centezmu (Lm105.87), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz). L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------